## Prologu



Qatt gidmitek brama? Kemm tweġġa', hux?

Issa immaġina li qed tgħum, u mhux tigdmek brama waħda, imma mijiet. M'intix tarahom għax qed tgħum f'nofs ta' lejl, fi dlam ċappa, u tibqa' dieħel ġo fihom. Tibda tħoss ħruq u tingiż ma' ġismek kollu, minn rasek sa saqajk. Tibda tgħajjat, twerżaq, tibki ...





Hekk ġralu Nicky Farrugia waqt li kien qed iwettaq il-ħolma tiegħu li jaqsam bejn Malta u Sqallija bl-għawm. B'ġismu ħuġġieġa waħda kellu jieħu deċiżjoni. Jitla' malajr fuq id-dgħajsa biex idewwih it-tabib, jew jibqa' jgħum f'dak l-infern?

*"X'nagħmel?! Nieqaf? Kont ili determinat li nagħmel dik l-għawma minn meta kelli ħdax-il sena. Nieqaf meta kont diġà wasalt nofs triq? Ma tarax!"*



## Kola l-Faru

Proprjament jismu Nicholas, imma kulħadd Nicky jgħajjatlu. Sħabu kienu jsejħulu Kola, inkella kienu jsibuh bil-laqam tal-familja, "Il-Faru".



Missier u omm Nicky

Twieled fil-25 ta' Awwissu 1960. Ommu kien jisimha Doris. Kienet Beltija, fuq ruħha u tieħu l-ħajja kif tiġiha. Missieru, Karmnu, kien pulizija minn San Pawl il-Baħar. Kien raġel riżervat, tal-familja u kien jgħożż il-ħajja sempliċi u bla xniexel. Nicky kien it-tifel tan-nofs bejn żewġt aħwa bniet.

Kienu joqogħdu fit-triq prinċipali ta' San Pawl il-Baħar. Dak iż-żmien kien raħal kwiet u ċkejken, bl-għelieqi fuq naħa u l-baħar fuq in-naħa l-oħra. Nicky u sħabu kien l-hena tagħhom jiġġerrew fl-għelieqi, jiġru bir-rota jew jilagħbu xi logħba futbol fit-triq.



Meta kien żgħir

Minn meta kien żgħir, Nicky ma kienx jaf joqgħod ma jagħmel xejn. Kien daqsxejn imqareb ukoll. Filgħodu kien imur l-iskola nadif u pulit, u waranofsinhar kien jasal lura d-dar diżastru, għax kien attiv u jħobb jinvolvi ruħu f'kollox.



Nicky ma' sħabu tal-klassi